MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru. 1119/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Sandro (Alexander George) Schembri Adami ta' 46 sena, bin Franz u Yvonne nee` Brincat, imwieled Attard fil-25 ta' Awissu 1963, residenti f'numru 15, Flat 17, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 488863(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sandro (Alexader George) Schembri Adami u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Marzu 2004 y fuz-zmien ta' wara, fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal pubbliku, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' elf, disa' mija u wiehed u tmenin ewro (€1981 konvertiti

ghal Lm850.50) ghad-dannu ta’ Antoine Sciberras u Caroline Sciberras nee` Cassar, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jisru uzu minnhom specifikat, u liema flus kienu fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industirija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat,

Illi illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat hallas l-flus kollha mehuda indebitament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 18, 293, 294, 310 (1)(b), 10, 138, 140 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sentejn prigunerija li fid-dawl tal-konsidreazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 8 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba’ snin mill-lum.

Il-Qorti tordna interdizzjoni generali u perpetwa tal-hati.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-kosegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------